

32004R1744

8.10.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 311/23

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1744/2004**tas-7 ta' Ottubru 2004****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1490/2002 rigward it-tibdil ta' Stat Membru relatur****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li jikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għal protezzjoni tal-pjanti ⁽¹⁾, u b'mod partikulari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8(2) ta' dan,

Billi:

- (1) Fi qbil mad-Direttiva 91/404/KEE, il-Kummissjoni għandha twettaq programm ta' ħidma għall-eżamja gradwali tas-sustanzi attivi fis-suq, sentejn wara d-data ta' notifika ta' dik id-Direttiva.
- (2) It-tielet stadju tal-programm ta' ħidma huwa provdut fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 ⁽²⁾ u (KE) Nru 1490/2002 ⁽³⁾.
- (3) Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002 jirreferi għall-possibilità li terġa' tassenja sustanza lil Stat Membru ieħor, jekk l-Istat Membru relatur ma jistax jirrispetta l-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' l-abbozz tar-rapport ta' stima lill-EFSA.
- (4) Franza infurmat lill-Kummissjoni li ma tistax tissottometti l-abbozz tar-rapport ta' stima għas-sustanza Teflubenzuron fil-perjodu ta' żmien provdut fl-Artikolu 10(1) ta' dak ir-Regolament. Ir-Renju Unit indikat ir-rieda tagħha li ssir Stat Membru relatur għal din is-sustanza attiva. Irid jiġi provdut żmien suffiċjenti għall-Istat Mem-

bru relatur ġdid biex iħejji abbozz tar-rapport ta' stima u konsegwentament din is-sustanza għandha tiċċaqlaq minn Parti A għal Parti B ta' Anness I.

- (5) Id-Deċiżjoni (KE) Nru 1490/2002 għalhekk għandha tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002 huwa emendat kif ġej:

- (1) F' Parti A, l-annotazzjoni għat-Teflubenzuron hija mħassra
- (2) F' Parti B l-annotazzjoni li ġejja hija mdaħħla f'ordni alfabetiku:

"Teflubenzuron – Ir-Renju Unit – BAS-BE"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, nhar is-7 ta' Ottobru 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1, Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/30/KE (ĠU L 77, tat-13.3.2004, p. 50).

⁽²⁾ ĠU L 55, tad-29.2.2000, p. 25. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1044/2003 (ĠU L 151, tad-19.6.2003, p. 32).

⁽³⁾ ĠU L 224, tal-21.8.2002, p. 23. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1044/2003.